



2024/554

29.2.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 284/2021

tad-29 ta' Ottubru 2021

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/554]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/884 tat-8 ta' Marzu 2021 li temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għall-użu tal-merkurju f'konnetturi elettriċi rotanti użati f'sistemi ta' immaġnijiet intravaskulari ultrasonori ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtiegħ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jizzied fil-punt 12q (id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“— **32021 L 0884:** Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/884 tat-8 ta' Marzu 2021 (ĠU L 194, 2.6.2021, p. 37).”

Artikolu 2

It-test tad-Direttiva Delegata (UE) 2021/884 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se tiġi ppubblikata fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandha tkun awtentika.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2021, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Rolf Einar FIFE

⁽¹⁾ ĠU L 194, 2.6.2021, p. 37.

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.